# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Ħamis, 28 ta' Ottubru, 2021**

**Rikors Numru 845/21TA**

**Fl-atti tar-rikors ġuramentat 1106/19TA u partikolarment fir-rigward tal-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru nru 1581/2019 AF**

**No Deposit Cars (C 85780)**

**vs**

**Mark Cauchi (ID 0513793M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Mark Cauchi (ir-rikorrent) tad-19 ta' Awwissu 2021;

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' No Deposit Cars (is-Soċjeta' rikorrenti) tal-4 ta' Ottubru 2021;

Rat l-atti u dokumenti f'dawn il-proċeduri;

Rat il-verbal tal-25 ta' Ottubru 2021;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Rat li ir-rikors tħalla għal digriet *in camera.*

**Konsiderazzjonijiet**

Permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrent qiegħed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru mertu tal-istess. Il-mandat in kwistjoni gie ottenut mis-Soċjeta' intimata biex tikkawtela l-ammont ta' sbatax-il elf u tmien mitt euro (€17,800) import ta' bilanċ ta' prezz ta' vettura u numru ta' kambjali. Il-vettura jidher li inxtrat b'titolu ta' "hire-purchase" b'kuntratt datat 9 ta' April 2019. Din il-vettura ġiet ikkonsenjata lis-Soċjeta' intimata mir-rikorrent, tinsab fil-pussess tagħha u għadha reġistrata f'isimha.

Ir-rikorrent jgħid li sab ruħu f'diffikultijiet partikularment għax għaddej minn separazzjoni personali. Għalhekk is-sekwestru inkwistjoni kompla jikkomplikalu ħajtu. Jgħid li minħabba dan is-sekwestru ma jistax jopera kif irid u għalhekk qed joqgħod lura f'ħafna affarijiet. Fil-fatt ma għandu ebda depożiti oħra u sabiex jirċievi s-salarju għamel arranġamenti oħra. X'inhuma sewwa sew dawn l-arranġamenti ma kienx ċar. Għalhekk qiegħed jitlob ir-revoka tal-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri abbażi tal-artikolu 836(1)(c)(d)u(e) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti qrat b'reqqa ir-risposta tas-Soċjeta' intimata. Huwa minnu dak li tgħid is-Socjeta' intimata illi biex garanzija tagħmel tajjeb għal ammont li jkun qed jiġi kawtelat, din il-garanzija trid tkun fil-pusses tas-sekwestrat. Fil-każ li għandha quddiemha s-sitwazzjoni twassal għall-istess risultat peress li din il-vettura tinsab fil-pussess tas-sekwestrant u di piu' **anke**

**għadha fuq isimha.** Dan ifisser li ai fini ta’ esekuzzjoni f’każ ta’ ġudizzju favorevoli tenut kont li dak li fadal mill-bilanċ huwa l-parti l-kbira tal-prezz tal-vettura, u li llum tinsab fil-pusess tas-sekwestrant, din tiffaċilita l-proċess biex jiġi rejalizzat l-ammont mitlub.

Minn naħa l-oħra fil-każ ta’ vettura, meta terġa’ hemm ċans tajjeb li l-valur tagħha fis-suq jonqos, ġieli anke sostanzjalment. F’każ fejn kien hemm somma depositata biex tagħmel tajjeb għal pretensjoni tal-kreditur, il-Qorti qieset li dan fih innifsu jista’ jkun ikkunsidrat bħala garanzija tajba ai fini tal-artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta (ara **Digriet tal-14 ta' Awwissu, 2013, fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Kontro-Mandat għall-Mandat ta’ Sekwestru Numru 1595/12 fl-ismijiet: Joseph Tabone -vs- Capace Construction Ltd**). Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti flok flus depożitati, il-vettura li tinsab fil-pussess tas-Soċjeta’ intimata. Meta l-Qrati jesiġu li l-garanzija trid tkun fil-pussess tal-esekutant dan għiduh sabiex l-esekuzzjoni tkun aktar rejalizzabbli. Għalkemm il-Qorti qieset li si tratta ta’ hire-purchase, xorta tħoss li bil-pussess tal-vettura f’idejn is-Soċjeta’ intimata u di piu’ bil-vettura għadha f’isimha, dawn huma fatturi li jissodisfaw parzjalment l-elementi tal-artikolu 836(1)(c).

Il-Qorti tgħid parzjament għaliex ma hemmx ċertezza li l-ammont kollu kkawtelat ikun kopert jekk din il-vettura tinbiegħ fis-suq, anke minħabba l-osservazzjonijiet diġa’ rilevati aktar ‘l fuq. Di piu’ r-rikorrent jidher li ma għandux assi oħrajn biex bihom jagħmel tajjeb għax lanqas depositi il-banek ma għandu. Għalhekk ikun xieraq li fiċ-ċirkostanzi tilqa’ it-talbiet

tiegħu parzjalment u dan billi tirriduċi l-ammont tas-Sekwestru għal għaxart elef ewro (€10,000).

Kwantu għal dak li qiegħed jintalab abbażi tal-artikolu 838(A) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta dawn il-Qrati jgħallmu li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba ta' tħassir tal-mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ. (Ara **Digriet tal-Prim Awla fl-ismijiet Joseph Demicoli -vs- Coleiro General Supplies Ltd tat-30 ta' Mejju 2002**).

Di piu' l-liġi trid ukoll li lill-Qorti jrid jirriżultalha li hemm "kawza gusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellanti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili. (ara **Digriet tal-Prim Awla fl-ismijiet Charles Darmanin et -vs- Albert Cachia tal-31 ta' Lulju 2007**). Kieku dan l-artikolu jiġi applikat b'leġġerezza l-istess skop ta' mandat kawtelatorju jiġi anjentat u tqiegħed dejjem lill-kreditur fi żvantaġġ. Minn dak li rat u semgħet il-Qorti ma jidhirx li hemm dik il-kawza ġusta kif trid il-liġi biex tapplika l-effetti ta' l-artikolu 838(A). Għalhekk ma hux il-każ li jkun applikat dan l-artikolu.

**Provvediment**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors billi tilqgħu parzjalment u limitatament abbażi tal-artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12 biss u tirriduċi l-imsemmi mandat għal għaxart elef Ewro (€10,000) u tiċħdu għall-bqija.

Fiċ-ċirkostanzi spejjes jibqgħu bla taxxa.

**Mogħti kameralment illum 28 ta' Ottubru, 2021**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**